MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 932/2009

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Mario Zammit (K.I. 309586M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija u tmintax-il ewro u wiehed u tlettin centezmu (€318.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi minnha in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99090722 .

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, numerat 5198/09, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax r-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-13 ta’ Lulju, 2010 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------